# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-9 ta' Marzu, 2017.**

**Fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni**
**Rikors Numru 1024/16 fl-ismijiet:**

**Alexander Debono, *managing director*, iben Michael u Jane nee` Pace imwieled San Giljan, nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa' mija tmienja u sebghin (23.06.1978), detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 339578 (M) u residenti tnejn u hamsin (52), "Ama Deus", Triq San Rokku, Haz Zebbug u martu Antonia Debono, ghalliema, bint George Attard u Giovanna nee` De Bono, imwielda Pieta` nhar it-tlettax ta' Gunju tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (13.06.1981), detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 295181 (M) u residenti wkoll tnejn u hamsin (52), "Ama Deus", Triq San Rokku, Haz Zebbug**

**vs.**

**Meliton Properties Ltd, kumpanija registrata fir-registru tal-kumpanniji ta' Malta bl-ittra "C" numru erbgha tlieta disgha sitta erbgha (C43964)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta' Lulju, 2016; (ara foll 1*et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari precedenti taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 5), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors guramentat promotur;

2.2. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti;

2.4. Appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat id-dokumenti kopjuzi annessi mal-istess rikors guramentat promotur;

4. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata t-8 ta' Marzu, 2017, (ara foll 154);

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permess tar-rikors guramentat promotur fuq indikat ir-rikorrenti sintetikament esponew il-preokkupazzjoni taghhom bil-mod segwenti:

6.1. Illi ghandhom interess jikkawtelaw id-drittijiet taghhom;

6.2. Illi ghal dan il-ghan aderew din il-qorti biex permezz ta' din il-procedura zzomm lis-socjeta` intimata milli tbiegh jew b'xi mod tittrasferixxi kif indikat fl-istess rikors il-proprjeta`immobbli kollha lilha trasferita permezz ta' att ta' bejgh ippubblikat fis-6 ta' Settembru, 2012, *in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Cassar kif tirrizulta min-nota ta' insinwa relattiva (ara foll 8 u 9);

6.3. Illi r-raguni ghall-istess talba hi bbazata fuq is-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***Militon Group Limited vs. Alexander Debono et*** datata t-***30 ta' Settembru, 2011***, (ara foll 10 *et sequitur*);

6.4. Illi ghalkemm is-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti intalbet thallas l-ispejjez gudizzjarji involuti fil-kawza hemm indikata, din baqghet inadempjenti;

6.5. Illi *di piu`*, fil-present, l-istess socjeta` riferita fil-paragrafu ta' qabel dak precedenti m'ghandiex assi biex taghmel tajjeb ghall-imsemmi kreditu li r-rikorrenti ghandhom fil-konfront taghha;

6.6. Illi l-proprjeta` li qabel kellha s-socjeta` intimata gew trasferiti ghal fuq is-socjeta` Meliton Properties Limited permezz ta' att ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat is-6 ta' Settembru, 2012, u ghalhekk, ghamlet dan wara li kienet ikkundannata thallas l-ispejjez gudizzjarji involuti, (ara foll 38);

6.7. Illi s-socjetajiet fuq indikati huma kkontrollati minn David Meli, (ara foll 99 u 114);

6.8. Illi r-rikorrenti jsosstnu li t-trasferiment tal-proprjeta` minn socjeta` ghall-ohra sar b'qerq ghad-drittijiet taghhom;

6.9. Illi fir-rigward ir-rikorrenti qed jippromwovu proceduri ohra, (ara foll 123 u 128);

6.10. Illi kemm- il darba t-talba tar-rikorrenti ma tigix milqugha d-drittijiet taghhom jigu pregudikati;

7.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

7.1. Illi l-kreditu pretiz mir-rikorrenti jista’ jintalab biss mis-socjeta` Meliton Group Limited;

7.2. Illi t-trasferiment ta’ proprjeta` minn socjeta` ghall-ohra kif indikat precedentement ma sarx biex iqarraq izda wara li ntlahaq ftehim mal-azzjonist precedenti li xtara l-ishma kollha;

7.3. Illi bl-azzjoni tas-socjeta` intimata ma sar xejn li hu irrimedjabbli fil-konfront tar-rikorrenti;

7.4. Illi l-valur tal-proprjeta` involuta jaqbez b’mod qawwi l-kreditu pretiz mir-rikorrenti;

7.5. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi analizi tal-vertenza odjerna jista’ jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

8.1. Illi r-rikorrenti rebhu l-kawza fuq indikata anke fl-appell u s-socjeta` intimata giet ikkundannata thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri involuti;

8.2. Illi maz-zmien is-socjeta` intimata ghaddiet il-proprjeta` kollha taghha flimkien mal-ishma taghha lil socjeta` ohra separata u distinta minnha;

8.3. Illi ghalhekk l-istess socjeta` intimata hi issa biss socjeta` tal-isem minghajr sustanza;

8.4. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata fil-prezent m’ghandiex assi biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez li taghhom giet kundannata;

8.5. Illi ghalhekk kemm- il darba dan il-mandat jigi respint, ir-rikorrenti jbaghtu hsara irrimedjabbli stante li s-socjeta` intimata tkun qed tahrab mir-risponsabbilitajiet taghha fir-rigward u tesponi lir-rikorrenti ghall-proceduri serji;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tal-fatti kif fuq esposti tirrileva sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jkun pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li jzomm lis-socjeta` intimata milli b'xi mod, fil-kaz odjern, tittrasferixxi proprjeta` minn fuqha ghal fuq socjeta` ohra, li ovvjament tirreka hsara lir-rikorrenti kif minnhom indikat fil-procedura minnhom inoltrata;

9.2. Illi biex dan l-iskop jintlahaq b'mod legittimu jinhtieg is-segwenti:

9.2.1. Illi r-rikorrenti jridu jistabilixxu li l-mandat minnhom rikjest hu necessarju biex jittutela d-drittijiet legittimi tieghu;

9.2.2. Illi jkun ukoll jidher li r-rikorrenti ghandhom ukoll *prima facie* dawk id-drittijiet minnhom vantati, (ara ***Sammut vs. Sammut, Prim'Awla tal-Qorti Civili***, datata l-***5 ta' Gunju, 2003***);

Ikkunsidrat:

10. Illi biex il-procedura tirnexxi l-lanjanti jinhtieg li jippruvaw li bil-possibbli azzjoni tal-intimati minnhom hawn individwata, huma jkunu ser ibaghtu pregudizzju, (ara ***Grech proprio et nomine vs. Manfre`, Qorti tal-Appell***, datata l-***14 ta' Lulju, 1988***; u ***40, Main Street Catering Establishment Limited vs. l-Awtorita` tal-Ippjanar***, datata t-***2 ta' Novembru, 2010***);

11. Illi di piu`, iz-zewg rekwiziti fuq elenkati, (ara paragrafu numru disa' punt tnejn, (9.2.), aktar qabel), ghandhom jigu kkunsidrati kumulattivament u mhux alternattivament;

12. Illi ghalhekk hu pacifiku li jekk xi wiehed mill-istess rekwiziti hekk elenkati ma jirrizultax, it-talba tar-rikorrenti lanjanti tigi respinta;

13.0. Illi jinghad ukoll finalment f'dan ir-rigward li l-qorti kolpita b'tali rikjesta specjali ghandha l-obbligu:

13.1. Kemm li tkun oggettiva fl-analizi taghha tal-vertenza in dizamina;

13.2. Kemm li tuza interpretazzjoni restrittiva fir-rigward;

Ikkunsidrat:

14. Illi hu wkoll pacifiku li l-procedura odjerna hi ta' natura eccezzjonali – ghalkemm necessarjament sommarja;

15. Illi *di piu`*, fl-analizi taghha f'dan il-livell tal-procedura in dizamina l-qorti hi impedita milli tidhol u tanalizza l-mertu tal-istess fil-profondita` li jixraq;

16. Illi konsegwentement ukoll, il-fatt li tintlaqa` jew tigi respinta t-talba, fih innifsu la jfisser li d-dritt vantat gie debitament ippruvat, u lanqas ifisser li l-istess dritt vantat ma jezistix;

17. Illi tali analizi approfondit jispetta lill-forum iehor u mhux lil dan kolpit bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi essenzjalment dak li jirrizulta *in prima facie* hu s-segwenti:

18.1. Illi bis-sentenza tal-appell fuq riferita s-socjeta` intimata giet ikkundannata taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha processwali;

18.2. Illi wara tali sentenza finali l-istess socjeta` intimata svestiet ruhha mill-proprjeta` kollha taghha u ghaddiethom lil socjeta` ohra diretta mill-istess persuna fizika li kien jidderiegi u jikkontrolla lis-socjeta` intimata;

18.3. Illi minnu nnifsu dan jippregudika lir-rikorrenti ghaliex jistghu jigu mghajta jaghmlu tajjeb ghall-istess;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-preokkupazzjoni vantata mir-rikorrenti permezz ta' din il-procedura hi effettivament wahda reali;

20. Illi ghalhekk hi l-fehma ta' din il-qorti li l-istess preokkupazzjoni tar-rikorrenti hi wahda *prima facie* legittima u ghandha tattira l-protezzjoni statutorja in dizamina;

**DECIDE:**

21.0. Illi in vista tas-suespost tqis li r-rikorrenti pprovaw it-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

21.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

21.2. Tirrespingi r-risposti tas-socjeta` intimata;

21.3. Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat it-8 ta' Lulju, 2016, b'mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

21.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**